**Minuti tal-Laqgħa Nru 61 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Erbgħa 28 ta' Marzu 2012 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Fl-assenza tas-Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana il-laqgħa tal-Kunsill tmexxiet mill-aktar kunsillier anzjan preżenti, il-kunsillieri, is-Sur Paul Agius.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | Assenti | |
| Vici Sindku Josette Agius Decelis | Assenti | |
| Kunsillier Joseph De Martino | 7.30 p.m. | 8.35 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.15 p.m. | 8.35 p.m |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.30 p.m. | 8.35 p.m |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30 p.m. | 8.35 p.m |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 p.m. | 8.35 p.m |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 p.m. | 8.35 p.m |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.30 p.m. | 8.35 p.m |
| Kunsillier David Meilak | 7.50 p.m. | 8.35 p.m |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Assenti | |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari tal-Minuti**

1.01 Fl-assenza tas-Sindku, Dr Paul Chetcuti Caruana is-Segretarju tal-Kunsill talab lill-aktar kunsillier anzjan, is-Sur Paul Agius biex imexxi l-laqgħa.

1.02 Il-Kunsillier is-Sur Paul Agius talab lis-Segretarju jaqra' l-minuti biex wara jistgħu jiġu approvati. Is-Segretarju qara l-minuti.

**2.00 Approvazzjoni tal-Minuti**

2.01 Il-minuti ġew approvati kif moqrija għajr xi korrezzjonijiet żgħar kif jidher hawn taħt.

2.02 Dwar Item 4.05 : Il-kunsilliera Shirley Farrugia qalet li wara t-tieni sentenza trid titkompla s-sentenza "u l-Kunsill ma kien jaf xejn dwar l-ispejjeż meħtieġa biex jistgħu isiru dawn l-ispralli".

2.03 Dwar Item 4.37: Il-kunsillier t-tabiba Shirley Farrugia irrimarkat li s-sentenza ta' qabel l-aħħar ta' dan l-item għandha titkompla billi tiżdied "u cioe fiż-żmien qabel is-16 ta' Settembru 2012".

2.04 Il-kunsilliera tabiba Shirley Farrugia talbet lill-Kunsill biex għall-quddiem kull item fil-korrispondenza jingħata sub-numru differenti. Dan għandu jsir biex il-kunsilliera jkunu jistgħu isegwu b'mod aktar aħjar.

## 3.0 Jiġu iffirmati l-Minuti

3.01 Il-minuti ta' din l-aħħar laqgħa ġew iffirmati mill-kunsillier is-Sur Paul Agius u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill is-Sur Philip Borg.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.35p.m.

Paul Agius
Kunsillier

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv